MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tad-19 ta' Settembru, 2003

Talba Numru. 1944/2002

**Avviz Numru 1944/02 AJD**
**Jamie Faure'**

**vs**

**The Westin Dragonara Resort Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-14 ta'' Awissu 2002 fejn gie mitlub li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lill-attur is-somma ta' erba' mija u hamsa u sebghin lira Maltin (Lm475.00) rapprezentanti bilanc ta' pagi arretrati, leave, bonus u 'notice money', dovuti mis-socjeta' intimata minhabba t-terminazzjoni tal-impjieg tal-attur.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra nterpellatorja tat-28 ta' Novembru, 2001 u bl-imghax kontra s-socjeta' konvenuta.

Ra r-Risposta tas-socjeta' konvenuta fejn hija eccepiet is-segwenti:-
It-talbiet tal-atturi ghandhom jigu michuda fil-fatt u fid-dritt u dan stante li kien l-attur stess li kiser l-obbligi tieghu meta ttermina l-impjieg minghajr ma ta' "n-notice' kif rikjest skond l-Artikolu 34 tal-Kap. 135 tal-Ligijiet ta' Malta.
Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema' x-xhieda tal-attur, ta' Aris Cefai u Joseph Galea. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti.

Sema' t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

Illi l-attur kien impjegat permezz ta' kuntratt ta' mpjieg definit mas-socjeta' attrici (esebit a fol.43 et seq.) liema kuntratt kien ghal perijodu ta' sitt xhur b'effett mill-15 ta' Settembru 2000 u gie mgedded ghal perijodu iehor ta' sitt xhur. L-attur kien impjegat bhala *fitness instrucror* mas-socjeta' konvenuta u xhar qabel ma skada t-tieni perijodu ta' sitt xhur inqala' ncident fejn instabu xi flus nieqsa mill-gym fejn kien jahdem l-attur, il-management tas-socjeta' konvenuta baghtu ghall-attur u nfurmawh li huwa kien sospiz mill-impjieg tieghu sakemm l-incident jigi nvestigat. Is-socjeta' konvenuta ssostni li f'dan l-istadju l-attur qabad u rrizenja mill-impjieg filwaqt li l-istess attur jirribadixxi li huwa qatt ma rrizenja mill-impjieg u jghid li s-socjeta' konvenuta qatt ma baghtet ghalih sabiex jirritorna lura ghax-xoghol ghas-shar li kien baqalu jahdem skond il-kuntratt u li ghalhekk huwa qed jitlob l-arretrati ta' paga dovuti lilu, kif ukoll il-*bonuses* u *leave entitlements* skond ma jirrizulta mill-prospett esebit a fol. 11 tal-process. Is-socjeta' konvenuta tiiritjeni li kull m'huwa dovut lill-attur huwa l-ammont ta' Lm176.46 stante li mill-ammont dovut lilu bhala arretrati ta' paga, *pro rata bonuses* u *leave entitlements* irid jitnaqqas l-ammont ta' Lm225.00 dovuti lilha mill-attur ai termini tal-ligi bhala konsegwenza tar-rizenja tieghu mill-impjieg.

Illi jrid ghalhekk jigi terminat jekk il-kuntratt tal-impjieg in kwistjoni giex terminat qabel id-data ta' skadenza mill-attur jew mis-socjeta' konvenuta. Fil-fehma tat-Tribunal kienet is-socjeta' konvenuta li tterminat l-impjieg tal-attur stante li kienet hija li ssospenditu mill-impjieg. Hija ma rnexxilhiex tipprova soddisfacentement li fil-fatt huwa kien irrezenja wara li ssospenditu u inoltre gie ammess mir-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta li xehed f'dawn il-proceduri li huma kienu effettivament issospendew lil-attur mill-impjieg. Inoltre bl-ebda mod ma gie pruvat li ttiehdu xi proceduri dixxiplinari fil-konfront tal-attur jew li sar xi rapport lill-Pulizija dwar il-flus li allegatament instabu nieqsa waqt lil-attur kien *on duty* fil-*gym*. Isegwi ghalhekk li m'huwa dovut ebda ammont mill-attur lis-socjeta' konvenuta u li l-ammont minnu mitlub ghall-arretrati ta' paga, *bonuses* u *leave entitlements* huwa dovut lilu mis-socjeta' konvenuta fl-intier tieghu.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u konsegwentement jikundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' erba' mija u hamsa u sebghin lira Maltin (Lm475.00), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mis-socjeta' konvenuta skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------